

21999D0186

L 74/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.3.2001

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 186/1999****tas-17 ta' Diċembru 1999****li temenda l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpanniji) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/1999 tat-30 ta' Settembru 1999 ⁽¹⁾;
- (2) D-Direttiva tal-Kunsill 1999/60/KE tas-17 ta' Ġunju 1999 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar ammonti mfissra fecu ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt 4 (Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE) fl-Anness XXII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud qabel l-addattamenti:

“– **399 L 0060:** Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/60/KE tas-17 ta' Ġunju 1999 li temenda d-Direttiva 78/660/KEE fir-rigward ta' l-ammonti mfissra fecu (ĠU L 162 ,tas-26.6.1999, p. 65).”

2. L-addattament li ġej għandu jiġi miżjud:

“(ċ) fl-Artikolu 2, dwar l-Istati ta' l-EFTA' ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għandha tinqara 'ippubblikat uffiċjalment f'kull Stat ta' l-EFTA'.”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/60/KE fil-lingwa Islandiża u fdik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

(¹) ĠU L 325, tal-21.12.2000, p. 46.

(²) ĠU L 162, tas-26.6.1999, p. 65.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN
